# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

Vs

Norman Galea

Illum, 5 ta`Marzu, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra **Norman Galea (I.D. 440274M**) imwieled fil-hmistax ta' Settembru tas-sena elf disa' mijau erbgha u sebghin (15/9/1974) gewwa Malta residenti 9, Dream Apts, Fl 2, Triq Antinni, Mosta Malta bl-inidirzz tan-negozju 224, Triq il-Kbira Mosta u Hair for Men, Triq Hompesh, Fgura, Malta akkuzat talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi u d-Dwana skont l-Att XXIII tal-1998 u regolamenti maghmulha bis-sahha tal-istess Att, waqt spezzjoni li sehhet fl**-14 ta' April 2023** gewwa l-fond li jgib l-isem **Hair for Men** bl-indirizz **Triq Hompesh, Fgura, Malta,** irrizulta li hemm differenzi bejn l-ammonti li gew imhallsa ghal servizzi moghtija minnek jew minn persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghek ma dawk tal-X reading; u dan bi ksur tal-artikoli 77(o),(b),(d),(e),(f),(l),(n) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Marjes Galea u Marilyn Schembri Saliba prodotti mill-prosekuzzjoni u ta' l-imputat Norman Galea fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 2024;

Rat il-*letter to prosecute* tal-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana datata 26 ta' Frar, 2024 fil-konfront tal-imputat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l- tal-artikoli 77(o),(b),(d),(e),(f),(l),(n) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Rat x-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha;

Ikkunsidrat,

<u>Provi prodotti mill-Prosekuzzjoni</u>

**Marjes Galea**, revenue inspector fil-Malta Tax and Customs Administration xhedet fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2024. Tixhed li fl-14 ta' April 2023 flimkien ma Marilyn Saliba bejn il-5:00 u 5:30 ta' filghaxija ghamlu inspection fl-istabiliment Hair for Men, Hompesh Road, Fgura. Hemm tkelmu ma impjegat u talbuh johrog X reading li kien ta' € 180. Staqsewh kemm kellhom klijenti sal-hin tal-ispezzjoni u wriehom lista fejn kien hemm tlieta u ghoxrin payments li jammontaw ghal € 330 igifieri kien hemm diskrepanza bejn il-lista u l-X reading. L-impjegat cempel lil owner, x-xhud kellmet l-owner u tahhom n-numru tal-identita' tieghu u spjegatlu d-diskrepanza. It-telefonata kienet speaker u kellmhuh iz-zewgt inspectors u qallhom li ser jerfa' r-responsabilta' hu.

Tipprezenta r-rapport, ritratt tal-lista, r-readings.

In kontro-ezami tirrispondi li l-ktieb tal-klijenti uriehulhom l-impjegat. L-ammont ghaddewh huma u l-figuri spjegahhom l-impjegat.

Mistoqsija meta tkellmu mal-owner spejawhux x' gara u ma garax tirrispondi li iva u li "hu qal lil impjegat biex johrog l-ewwel X reading ir-receipt u imghad it-tieni X reading li turi d-differenza tal-150.

**Marilyn Schembri Saliba**, Revenue Inspector, xehedet fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 2024. Tikkonferma l-verzjoni tax-xhud l-ohra Marjes Galea.

Tezebixxi letter to prosecute u r-rapporti li ghamlu hi u l-kollega wara l-ispezzjoni u l-ircevuti l-ohra u d-dokumenti l-ohra ipprezentati.

Tikkonferma li l-kontenut tal-ktieb spjegah l-impjegat.

Provi prodotti mid-difiza

**Norman Galea**, l-imputat, xehed fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 2024. Jikkonferma li dak in-nhar irceiva telefonata minghand l-impjegat tieghu u qallu li hemm tal-VAT. Qallu li hadu l-X reading tal-cards u l-X reading tal-VAT. Qallu li sabu ktieb. Staqsa lil impjegat xi ktieb hu "Qalli l-ktieb tieghi ghedtlu ma ghandiex x' naqsam mieghu l-ktieb tieghu."

Mistoqsi mill-Qorti fuq il-ktieb jirrispondi bil-lista ta' klijenti li skont l-impjegat hallsu dawk l-ammonti jirrispondi li ma kienx jaf bih.

Qalulu li hemm differenza ta' € 150 u li jridu jigu ippancjati.

Misotqsi jekk talabx spjegazzjoni tal-kontenut ta' dan il-ktieb lil impjegat jirrispondi li mbghad mar il-hanut il-Fgura u staqsieh fuq il-ktieb u x' hemm go fih. Hargu minn go baskett tieghu qallu li l-ktieb tieghu u waqfu s' hemm. Illum dan l-impjegat waqfu ghax qabdu jisraq.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi jirrizulta li waqt spezzjoni ta' sorpriza gewwa l-istabiliment Hair for Men, Triq Hompesh, Fgura fil-14 ta' April, 2024 l-ispetturi tal-VAT sabu diskrepanza bejn l-X readings u ktieb b' lista ta' ammonti ta' Eur 150. Huma kellmu lil imputat fuq it-telephone li taha istruzzjonijiet lil impjegat tieghu sabiex johrog ircevuta tal-VAT fuq id-diskrepanza li kien hemm bejn iz-zewgt valuri.

L-imputat fix-xhieda tieghu jikkonferma li hu qal lil impjegat johrog l-ircevuta ghad-diskrepanza u iddefenda ruhu billi qal li hu ma kienx jaf bl-ezistenza ta' din il-lista.

Illi l-imputat, kellu jġib prova li huwa ma kienx jaf u ma setax b'diliġenza raġonevoli jsir jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex żomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas. L-imputat ma huwiex kredibbli meta jghid li ma jafx bl-

ezistenza tal-lista tant li meta cemplulu taha immedjatament istruzzjonijiet sabiex tinhareg l-ircevuta ghad-differenza kif minnu ikkonfermat.

**Decide**

Għaldaqstant l-Qorti wara li rat Rat l- tal-artikoli 77(o),(b),(d),(e),(f),(l),(n) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud issib lil imputat **Norman Galea** hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal multa ta' seba mitt ewro (€ 700).

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**